MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2432/2003

**Allcare Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Paul Bugeja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' mija u hames liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm105.57c) rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' *premium* u spejjez ancillari dovuti fuq polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq ordni u nkarigu tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li huwa gja hallas dak mitlub mis-socjeta' assigurattrici u ghalhekk m'ghandu jhallas xejn.  Eccepixxa li huwa hallas dak mitlub mill-assigurazzjoni li assigurat il-vettura tieghu a bazi ta' dak patwit fi ftehim li kellu mas-socjeta' attrici u

dan skond dokumenti minnu esebiti. Huwa eccepixxa wkoll illi s-socjeta' attrici m'ghandha l-ebda jedd fil-ligi li tul il-kors ta' dan l-imsemmi ftehim taqbad u in lateralment tgholli l-*premium* li kien originarjament miftiehem.

Sema' x-xhieda ta' Judith Cutajar u ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2004 li minnu jirrizulta li l-kawza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Paul Bugeja kellu karozza gdida u ried jassiguraha mas-socjeta' attrici. L-polza bdiet fi 1999 u kienet taghlaq fil-31 t'Ottubru 2000. Il-*premium* ta' dan il-perjodu thallas.

Meta gie r-*renewal notice* tal-1 ta' Novembru 2000, l-atturi baghtu *renewal notice* lill-konvenut li kien jindika *debit* ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u erba' centezmi (Lm185.04c) u kien ikopri sena kalendarja. R-*renewal* giet effettwata u harget *renewal note* u sahansitra wara dan, il-konvenut ta struzzjonijiet lis-socjeta' attrici biex thallas ukoll ir-*road licence* relattiva. Biex taghmel hekk is-socjeta' attrici hallset hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) ohra biex b'hekk il-kont gie ghal mitejn u tletin lira Maltin (Lm230).

B'hekk b'dan l-ammont ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) ammont li l-vettura tkun koperta sa Ottubru 2001 bir-*road licence* mhallas.

Meta s-socjeta' attrici hallset ir-*road licence* hija giet infurmata li n-numru tal-vettura tal-konvenut ma kienetx JAB 336 kif qal il-konvenut izda kienet ABG 336 u billi l-ittri tal-vettura huma differenti r-*renewal date* kienet ukoll differenti.

Minhabba f'dan kellha ssir revizjoni fl-ammont tal-*premium* tal-polza ta' assigurazzjoni, billi qabel il-polza kienet giet biex tkopri l-perjodu mill-1 ta' Novembru 2000 sal-31

t'Ottubru 2001. Izda minhabba fil-bdil tan-numru, billi r-*renewal period* kien fi Frar, kellhom igedduha sa Frar 2002 u minhabba f'hekk kien hemm ammont addizzjonali dovut ta' sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm46.68c) biex ikopri l-perjodu addizzjonali mill-1 ta' Novembru 2001 sa Frar 2002.

Il-konvenut hallas wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm91.68c) li jkopri biss dan l-awment u r-*road licence*.

Huwa baqa' ma hallasx il-premium ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u erba' centezmi (Lm185.04c).

L-assigurazzjoni talbet lill-konvenut biex ihallas izda huwa ma hallasx u ghalhekk is-socjeta' attrici kkancellat il-polza b'effett mil-31 ta' Lulju 2001, imputaw *refund* ta' hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm85.22c) biex b'hekk fadal bilanc ta' disgha u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm99.82) li maghhom qed jezigu wkoll hlas tas-somma ta' hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75c) rapprezentanti drittijiet legali ta' korrespondenza antecedenti l-kawza.

Illi huwa evidenti mill-provi prodotti li l-konvenut huwa responsabbli biex ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici u dan billi jirrizulta pruvat li huwa ha l-beneficcju ghal *cover* provdut mis-socjeta' attrici. L-konvenut ma ressaq l-ebda provi in sosten ta' l-eccezzjoni tieghu li f'kull kaz jinsab kontradett mid-dokument minnu stess esebit li, paragunat ma' Dokument C a fol 20 tal-process, juri li l-hlas ta' wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm91.68c) kien biss ghall-awment u *road licence*.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm105.57c) flimkien ma' l-interessi mill-10 ta' Lulju 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz) u l-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------